# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Rikors Ġuramentat Numru: 61/2017 PC**

**Roderick Muscat, u Abigail Camilleri**
**għan-nom, fl-interess u bħala leġittimi**
**rappreżentanti ta' binhom minuri, Glenn Muscat**

**vs**

**Jason Aquilina, u**
**Jason Mifsud u**
**b'digriet tal-14 ta' Novembru 2017, is-soċjeta' estera**
**W. R. Barkley Insurance (Europe) Limited bħala**
**sussidjarja tal-Kumpanija W. R. Barkley Corporation**
**ġiet awtorizzata tintervjeni in statu et terminis**

***sentenza in parte***

**Illum il-Ġimgħa, 7 ta' Diċembru 2018**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Ġuramentat li permezz tiegħu l-atturi nomine, wara li ppremettew:

Illi fl-24 ta' Awwissu 2015 binhom Glenn Muscat ta' tlettax-il (13) sena, qabel is-sagħtejn ta' wara nofsinhar kien barra flimkien ma sħabu, fosthom Malcolm Portelli ta' eta' ta' tlettax-il (13) sena;

Illi kif irriżultalhom wara lill-esponenti, dawn iż-żewġt itfal flimkien ma' tfal oħra marru ġewwa għalqa li tinsab wara Triq Zgħawri, Munxar, Għawdex li hija faċilment aċċessibbli mit-triq u minn hemmhekk ġabru materju splussiv li tħalla hemm wara l-festa tal-Munxar, Għawdex;

Illi l-materjal pirotekniku relatat mal-manifattura tal-berqa huwa sensittiv ħafna għas-sħana, xookk u frizzjoni u konsegwenza ta' dana malli t-tubu li kien fih t-taħlit tal-berqa u li kien f'idejn Glenn Muscat ġie imtaqqab mill-istess Glen Muscat b'instrument bil-ponta, seħħet splużżjoni u konsegwenza ta' dan Glenn Muscat tilef dawk is-swaba ta' idejh il-leminija li kienu imdawrin mat-tubu qabel seħħ l-inċident, oltre ħruġ f'għajnejh u feriti iħra;

Illi kif irriżulta mill-investigazzjonijiet tal-Pulizija l-għelieqi minn fejn jinħaraq in-nar għall-festa tal-Munxar kienu miżewda b'materjal splussiv li ma kienx ħa (misfired) u dana l-materjal splussiv li kien waqa' fl-istess għelieqi tħalla hemm u ma nġabarx wara l-festa tal-Munxar minn min kien obbligat li jiġbru u jnaddaf l-għelieqi tal-madwar mill-isplussiv;

Illi rriżulta li l-konvenut jew min minnhom kienu obbligati li jnaddfu dawn l-għelieqi wara l-festa tal-Munxar, Għawdex;

Illi għalhekk dana l-inċident ġara tort u ħtija tal-istess konvenuti jew min minnhom u li fuqhom kienet tinkombi l-obbligu li jnaddfur sew l-għelieqi mix-xogħol tan-nar il ma ħax (misfired) u li kien waqa' fl-istess għelieqi u dana bi ksur tar-Regolament 18 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 33.03;

Illi fil-fatt dina t-traskuraġni u n-negliġenza grassa tagħhom waslet biex dan Glenn Muscat, minuri ta' tlettax-il (13) sena jsoffri ġrieħi gravi fuq persuntu minħabba li tilef xi swaba minn idejh l-leminija kif ukoll ġie lilu kkawżat diversi feriti fuq partijoet oħra ta' ġismu, li huma wkoll feriti gravi u wassluh għal debilitazzjoni permanenti fuq persuntu, kif jiġi pruvat dettaljatament waqt is-smiegħ ta' dina l-kawża;

Illi għalhekk għal dana l-inċident huma unikament responsabbli l-konvenuti jew min minnhom li bħala l-persuni li ħadu ħsieb in-nar tal-festa tal-Munxar li seħħet fil-ġimgħat qabel l-inċident naqsu milli jnaddfu l-għelieqi fejn jinħaraq in-nar, kif kienu bil-liġi obbligati li jagħmlu;

Illi l-konvenuti minkejja li ġew interpellati sabiex jersqu għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni sofferti mill-atturi nominee, huma baqgħu inadempjenti.

Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara li l-inċident oġġett ta' dan ir-rikors ġurament ġara unikament tort u ħtija tal-konvenuti jew min minnhom, u dana kaġun ta' negliġenza u traskuraġni fis-sens li bħala l-persuni li ħadu ħsieb in-nar talf-esta tal-Munxar, Għawdex li seħħet fil-ġimgħat ta' qabel l-inċident, naqsu milli jnaddfu l-għelieqi fejn inħaraq in-nar tal-festa, kif kienu obbligati li jagħmlu skont il-liġi;

2. Tillikwida d-danni kollha sofferti milla-tturi nomine minħabba dan l-inċident, liema danni huma kemm dawk emerġenti kif ukoll f'lucrum cessans minħabba d-

debilitazzjoni permanenti li sofra l-minuri, Glenn Muscat fuq diversi partijiet ta' ġismu;

3. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom iħallsu lill-atturi nomine d-danni hekk sofferti u likwidat.

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċċjali tal-14 ta' Ġunju 2017 (271/2017) u ta' din li qiegħda tiġi ppreżentata kontestwalment ma' dana r-rikors u bl-inġunzjoni tal-konvenuti għas-subizzjoni li għaliha minn issa huma imħarka. Bl-imgħaxijiet skont il-liġi.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenut Jason Mifsud li biha eċċepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok, ir-rikors ġuramentat huwa rritu u null stante li rrikorrenti ma setgħux jipproċedu għan-nom ta' binhom minn rajhom, mingħajr id-debita awtorizzazzjoni tal-Qorti, inkluż occorrendo, ai termini tal-artikoli 929 (a) u 930 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi fit-tieni lok, mingħajr preġudizzju għas-suespost, kwalunkwe responsabbiltà addebitata lill-esponenti qiegħda tiġi respinta, u dan għar-raġunijiet li sejrin jirriżultaw fil-kawża, inklużi il-fatt illi lesponenti kien fil-pussess tal-permessi kollha rikjesti u l-fatt illi huwa adempjixxa ruħu mal-obbligi kollha fuqu impost mil-liġi, inkluż dawk fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 33.03;

3. Illi fit-tielet lok, u b'rabta mal-eċċezzjoni preċedenti, jingħad illi kwalunkwe materjal pirotekniku li seta' ġie misjub ma kienx dak responsabbli għalih l-esponenti, anke stante l-fatt illi l-festa tal-Munxar inżammet ben tliet xhur qabel ma seħħ l-inċident, u stante illi fil-frattemp, kien hemm aktar ħruq, minn nies oħra, fl-istess żona;

4. Illi fir-raba' lok, dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, u b'mod totalment sussidjarju, it-talba tar-rikorrenti għandha tiġi miċħuda stante illi ġie prattikament ammess mir-rikorrenti (f'paragrafu 3 tar-rikors promutur) illi kien proprju ħtija ta' Glenn Muscat illi seħħ l-inċident, u għaldaqstant għandu jkun huwa responsabbli għall-akkadut, anke abbażi tal-massimu prinċipju *volenti non fit iniuria*;

5. Illi fil-ħames lok, b'mod ukoll sussidjarju għall-eċċezzjonijiet precedenti, fl-agħar ipoteżi, Glenn Muscat għandu jitqies illi ikkontribwixxa maġġorment u sostanzjalment għall-inċident illi seħħ lilu;

6. Illi fis-sitt lok, mill-bqija, it-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti, b'riserva illi l-esponenti jressaq talba għal eċċezzjonijiet ulterjuri, skont il-każ, u b'riserva għal kwalunkwe eċċezzjoni spettanti lill-esponenti.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenut Joseph Aquilina li biha eċċepixxa:

1. Illi l-inċident de quo ġara unikament u esklussivament tort tal-minuri Glenn Muscat u dan kif ammess mill-istess rikorrenti fit-tielet (3) paragrafu tar-rikors promotur. Per konsegwenza ma tista' tiġi attribwita l-ebda responsabbilita lil terzi inkluż lill-intimat għall-akkadut abbażi tal-massima legali *volenti non fit iniuria* u għaldaqstant m'hemmx danni x'jiġu likwidati u imħallsa mill-intimat lirrikorrenti;

2. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess l-intimat eċċipjenti osserva l-obbligi kollha imposti fuqu mil-liġi, inkluż iżda mhux limitat għall-obbligi kollha li jemanu mir-Regolamenti dwar il-Kontroll tax-Xogħlijiet tan-Nar u Esplosivi Oħra (Leġislazzjoni Sussidjarja 33.03);

3. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, il-berqa li kkawżat l-inċident de quo lanqas ma ġiet supplita mill-intimat eċċipjenti stante li l-intimat kien responsabbli biss sabiex jissuplixxi materjal pirotekniku tal-kulur u mhux beraq;

4. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għall-premess, il-materjal pirotekniku li seta' ġie misjub ma kienx dak riżultanti mill-festa tal-Munxar li kienet saret il-Ħadd, erbgħa u għoxrin (24) ta' Mejju 2015 – u ċioe tlett (3) xhur qabel ma seħħ l-inċident - iżda kien riżultanti min-nar ta' festi oħra u minn ħruq ieħor li kien sar min-nies oħra fl-inħawi u għal-liema ħruq l-esponenti assolutament ma kienx responsabbli u lanqas ipprovda materjal pirotekniku ghall-ħruq;

5. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess u mingħajr m'hi qiegħda tiġi rikonoxxuta l-ebda responsabbilita tal-intimat eċċipjenti għall-akkadut iżda biss b'mod sussidjarju għall-eċċezzjonijiet preċedenti, għandu jitqies li kien hemm negliġenza kontributorja qawwija u sostanzjali da parti tal-minuri Glenn Muscat u għalhekk l-istess Glenn Muscat għandu jitqies li kkontribwixxa maġġorment għall-istess inċident. Tali negliġenza kontributorja qawwija għandha tittieħed in kunsiderazzjoni jekk ikun il-każ li l-Qorti issib xi responsabbilita fl-esponenti u tasal biex tillikwida xi kumpens a favur tar-rikorrenti.

6. Illi għalhekk it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti;

7. Salvi u mpreġudikati eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

8. B'referenza għall-paragrafi tar-rikors ġuramentat, dawn huma kollha kontestati stante li kif ġia senjalat aktar qabel f'din ir-risposta ġuramentata:

   (a) L-inċident *de quo* ġara unikament u esklussivament tort tal-minuri Glenn Muscat u dan kif ammess mill-istess rikorrenti fit-tielet (3) paragrafu tar-rikors promotur. Per konsegwenza ma tista' tiġi attribwita l-ebda responsabbilita lil terzi inkluż lill-intimat għall-akkadut abbażi tal-massima legali *volenti non fit*

*iniuria*. Per konsegwenza għalhekk m'hemmx danni x'jiġu likwidati u imħallsa mill-intimat lir-rikorrenti;

(b) Mingħajr preġudizzju għall-premess l-intimat eċċipjenti osserva l-obbligi kollha imposti fuqu mil-liġi, inkluż iżda mhux limitat għall-obbligi kollha li jemanu mir-Regolamenti dwar il-Kontroll tax-Xogħlijiet tan-Nar u Esplosivi Oħra (Leġislazzjoni Sussidjarja 33.03);

(c) Dejjem mingħajr preġudizzju għall-premess, il-berqa li kkawżat l-inċident *de quo* lanqas ma ġiet supplita mill-intimat eċċipjenti stante li l-intimat kien responsabbli biss sabiex jissuplixxi materjal pirotekniku tal-kulur u mhux beraq;

(d) Dejjem mingħajr preġudizzju għall-premess, il-materjal pirotekniku li seta' ġie misjub ma kienx dak riżultanti mill-festa tal-Munxar li kienet saret il-Ħadd, erbgħa u għoxrin (24) ta' Mejju 2015 – u ċioe tlett (3) xhur qabel ma seħħ l-inċident - iżda kien riżultanti min-nar ta' festi oħra u minn ħruq ieħor li kien sar min-nies ohra fl-inħawi u għal-liema ħruq l-esponenti assolutmanet ma kienx responsabbli u lanqas ipprovda materjal pirotekniku għall-ħruq;

(e) Dejjem mingħajr preġudizzju għall-premess u mingħajr m'hi qiegħda tiġi rikonoxxuta l-ebda responsabbilita tal-intimat eċċipjenti għall-akkadut iżda biss b'mod sussidjarju għall-eċċezzjonijiet preċedenti, għandu jitqies li kien hemm negliġenza kontributorja qawwija u sostanzjali da parti tal-minuri Glenn Muscat u għalhekk l-istess Glenn Muscat għandu jitqies li kkontribwixxa maġġorment għall-istess inċident. Tali negliġenza kontributorja qawwija għandha tittieħed in kunsiderazzjoni jekk ikun il-każ li l-Qorti issib xi responsabbilita fl-esponenti u tasal biex tillikwida xi kumpens a favur tar-rikorrenti.

Rat id-digriet tagħhha tal-14 ta' Novmbru 2017 li bih laqgħet it-talba tas-soċjeta' estera W.R. Berkley Insurance (Europe Limited), bħala sussidjarja tal-kumpanija W.R. Berkley Corporation, biex tintervjeni fil-kawża *in statu et terminis*.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-istess soċjeta' li permezz tagħha eċċepiet:

1. Illi l-esponenti qiegħda tintervjeni f'din il-kawża peress li l-operat tal-konvenuti Jason Mifsud u Joseph Aquilina kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni rilaxxjata mill-esponenti;

2. Illi f'din il-kwalità, l-esponenti tissottometti li kwalunkwe responsabbiltà addebitata lill-assigurati tagħha għas-sinistru mertu ta' din il-kawża qegħda tiġi respinta għaliex lill-esponenti jirriżultalha li lintimati kkonformaw ruħhom mal-obbligi kollha imposti fuqhom mil-liġi;

3. Illi jidher ukoll li sfortunatament, l-inċident ġie pprovokat bi traskuraġni grassa u b'aġir volontarja tal-midrub Glenn Muscat, li għalhekk għandu jwieġeb huwa, u huwa biss, għall-konsegwenzi negattivi pprovokati fuq il-persuna tiegħu stess;

4. Illi mingħajr preugudizzju għall-premess, l-esponenti tikkontesta l-allegazzjoni li l-materjal pirotekniku li wassal għal dan is-sinistru seta' kien provenjenti mill-attivitajiet li wettqu l-intimati, u dan anki fid-dawl tal-fatt li bejn id-data ta' meta l-intimati wettqu l-operazzjonijiet koperti bil-polza ta' assigurata rilaxxjata mill-esponenti u d-data tas-sinistru għaddew approssimattivament tliet xhur, u matul dak iż-żmien kien hemm operazzjonijiet simili minn terzi persuni fil-viċinanzi ta' fejn ġara l-inċident;

5. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għall-premess, jekk tirriżulta xi ħtija da parti tal-intimati jew xi ħadd fosthom, trid issir il-prova li l-fatt li pprovoka s-sinistru jaqa' taħt it-termini tal-polza ta' assigurazzjoni rilaxxjata mill-esponenti;

Rat id-digriet tagħha tal-11 ta' Mejju 2018 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza fuq l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Jason Mifsud.

Rat in-Noti tal-Osservazzjonijiet rispettivi tal-istess konvenut u tal-atturi dwar din l-eċċezzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi qegħdin jitolbu, f'isem binhom minuri, d-danni in segwitu għal inċident li fih dan weġġa' b'materjal splussiv li allegatament tħalla mhux maħruq f'post li seta' jintlaħaq min-nies. Permezz tal-ewwel eċċezzjoni tiegħu, il-konvenut Jason Mifsud eċċepixxa n-nullita tal-kawża stante li r-rikorrenti ma setgħux jipproċedu għan-nom ta' binhom minuri minn rajhom, mingħajr id-debita awtorizzazzjoni tal-Qorti, inkluż okkorendo, ai termini tal-artikoli 929(a) u 930 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-artikolu 929 jipprovdi li:

"Barra mill-każijiet li fihom dan il-Kodiċi jipprovdi espressament għall-ħatra ta' kuraturi, il-qorti tista' wkoll taħtar kuraturi biex jidhru u jiddefendu fil-qrati superjuri jew fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza tagħha superjuri –

(a) fl-interess ta' nies assenti, jew taħt l-età li ma jkunux rappreżentati skont il-liġi, jew ta' persuni b'diżordni mentali jew kundizzjoni oħra, li tagħmilhom inkapaċi li jieħdu ħsieb ħwejjiġhom, jew ta' interdetti, jew ta' persuni inċerti li jistgħu jiġu msejħa għal fedekommess jew għal wirt battal li ħadd ma jidher għalih skont il-liġi, jew ta' persuni li 'l quddiem jistgħu jiġu msejħa għal dan il-fedekommess jew wirt;"

L-artikolu 930 imbagħad jipprovdi:

"(1) Il-kuraturi jiġu maħtura mill-qorti kompetenti fuq talba b'rikors ippreżentat flimkien mal-att li bih tinġieb 'il quddiem il-kawża; f'dak il-każ, il-post tal-ismijiet tal-kuraturi jitħalla vojt fl-att li bih tinġieb 'il quddiem il-kawża, u jkun dmir tar-reġistratur, wara li ssir il-ħatra tal-kuraturi, li jdaħħal isimhom fl-att, qabel ma jmexxih.

(2) Il-ħatra tal-kuraturi tista' ssir ukoll, fuq rikors, matul iż-żmien li l-kawża tkun pendenti, inkella, b'talba bil-fomm fis-smigħ tal-kawża, meta din il-ħatra ssir meħtieġa wara li tkun bdiet il-kawża.

(3) Il-preżentata ta' dan ir-rikors twaqqaf il-mixi ta' kull żmien li għandu x'jaqsam mal-atti tal-proċedura."
Dan il-konvenut għalhekk qed jikkontendi li flimkien mar-Rikors Ġuramentat l-atturi kellhom jintavolaw rikors biex jiġu awtorizzati jidhru f'din il-kawża għan-nom ta' binhom minuri. L-atturi jinsistu li tali awtorizzazzjoni ma kenitx meħtieġa fil-każ in eżami.

Kif tajjeb jindikaw l-atturi, s-soluzzjoni għal din il-kwistjoni tinsab f'dak li jgħid l-istess artikolu 929(a) ċċitat mill-konvenut Mifsud, u ċioe' fil-kliem: "**jew taħt l-età li ma jkunux rappreżentati skont il-liġi".** Dan għaliex nafu li bis-saħħa tal-artikolu 135 tal-Kodiċi Ċivili: "**Il-ġenituri jidhru għal uliedhom, imwielda jew le, fl-atti kollha tal-ħajja ċivili**." Hekk ukoll is-subartikolu 4 tal-artikolu 136 tal-Kodiċi Ċivili jelenka x'inhuma dawk l-atti li ma jistgħux isiru mill-ġenituri ħlief f'każ ta' bżonn, jew ta' ħtieġa ċara, u wara li tkun inġabet l-awtorizzazzjoni tal-Qorti. Infatti nsibu f'dan is-sub-artikolu li:

**"l-ġenituri ma jistgħux jittrasferixxu ħwejjeġ immobbli jew ħwejjeġ mobbli għax hekk tqishom il-liġi u li jkunu proprjetà tat-tifel lanqas ma jistgħu jissellfu jew jagħmlu dejn ieħor f'ismu,jipotekaw jew iwiegħdu l-proprjetà tiegħu, jagħtuha b'garanzija, jidħlu f'xi kompromess, jew jissottomettu kwistjoni għal arbitraġġ,ħlief f'każ ta' bżonn, jew ta' ħtieġa ċara u bis-setgħa tal-qorti u f'kull każ bħal dan, il-qorti tista', fuq talba tal-ġenituri, tawtorizza lil wieħed mill-ġenituri biex jidher għat-tifel fuq l-att relattiv."**

Imkien ma jissemma li din l-awtorizzazzjoni tenħtieġ ukoll sabiex il-ġenituri jiftħu kawża f'isem uliedhom minuri. Kif jgħid il-konvenut Mifsud stess fin-Nota tal-Ossevazjonijiet tiegħu: "*ubi lex voluit dixit.*", u ġialadarba l-intavolar ta' kawża ma tissemix ma l-atti ta' amministrazzjoni starordinarja li jenħtieġu l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex il-ġenituri jkunu jistgħu jagħmluhom, m'hemm xejn xi jżomm lill-istess ġenituri milli jaqbdu u jipproċedu b'kawża fl-interess ta' wliedhom minuri, kif għandna fil-każ presenti fejn qed ifittxu lill-konvenuti għad danni minħabba l-menomazzjoni ta' binhom. Wara kollox b'kawża bħal din l-atturi qegħdin jitħabtu biex jiġi arrikkit il-patrimonju tal-minuri u mhux li jitnaqqas jew li jiżdidulu l-piżijiet.

Id-dottrina kontinentali preponderanti hija ukoll konkordi f'dan is-sens. Hekk naraw li:

"*La legge non parla in modo esplicito del genitore, il quale si faccia a promuovere azioni in giudizio, nell'interesse del figlio soggetto alla sua patria podesta'. La prevalente dottrina e la giurispudenza dei patrii magistrati sembra riconoscere a questo genitore il diritto di proporre liberamente l'azione giudiziaria, senza d'uopo di alcuna autorizzazione.*"[1]

Għalhekk billi ma jirriżulta li hemm ebda ħtieġa għall-awtorizzazzjoni mill-Qorti sabiex il-ġenituri jipproċedu b'kawża f'isem binhom minuri, din l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Jason Mifsud qed tiġi miċħuda, u tħalli l-kawża għall-kontinwazzjoni.

L-ispejjeż jibqgħu riservati.

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur

07.12.2018 – Sup61.2017 – Muscat Roderick et noe vs Aquilina Joseph et
2396

[1] Mattirolo:Trattato di Diritto Giudiziario Civile Italiano, ediz. 1902, vol. II para. 21 pag. 29. Fost l-awturi ta' din il-fehma jiċċita lil Mortara: Manuale di Diritto di Procedura Civile. n.40; Paoli: Dedi Figli di Famiglia, p. 53 - 54. u r-Ricci: Diitto Civile, n344.